**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 25 ta' Jannar, 2018

Rikors Nru : 422/17AL

A B
vs
C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

Illi l-partijiet zzewgu f'Malta nhar it-tlieta u ghoxrin (23) ta' Novembru tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (1991) u z-zwieg taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv ta' elfejn, mija u sebgha u disghin, tas-sena elf disa' mija u wiehed u disghin (2197/1991) [certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat **DOK A**];

Illi minn dan iz-zwieg twieled S B fit-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u sitta u disghin (1996) u ghalhekk illum ghandu wiehed u ghoxrin (21) sena.

Illi l-partijiet sseparaw permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Dottor Anne-Marie Tonna tas-27 ta' Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) [kopja tal-istess hawn annessa u mmarkata **DOK B**];

Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi l-partijiet komplew b'hajjithom separatament minn xulxin;

Illi ma jithallas ebda manteniment lil parti jew ohra u dan kif miftiehem fil-kuntratt ta' separazzjoni u lanqas ma jithallas manteniment ghal binhom S B li jahdem fuq bazi full-time;

Illi ghalhekk l-partijiet jissodisfaw ir-rekwiziti kollha stabbiliti mil-ligi biex jinghata d-divorzju;
Illi r-rikorrenti tixtieq tirreverti lura ghal kunjomha xebba D.

Talbet li l-intimat jgħid għaliex din il-Qorti m'għandhiex :-

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjomha xebba D;

3. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku u bit-tibdil fil-kunjom tar-rikorrenti u dan taht kull provediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-9 ta' Novembru, 2017;

Rat illi ir-rikorrenti qeghda titlob li tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' D;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u ma deherx il-Qorti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-27 ta' Mejju 2013;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talba tar-rikorrenti biex tirriverti ghal kunjom xbubitha D u titlob lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jiehu il-provvedimenti kollha mehtiega f'dak ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.